DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 131/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 65/2007 tal-15 ta' Ġunju 2007 ([1]).

(2) Hu xieraq li tkun estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" ([2]).

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jinkludi din l-estensjoni tal-kooperazzjoni li sseħħ mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jieħdu sehem fil-programmi u azzjonijiet tal-Komunità li jirreferu għalihom l-ewwel żewġ inċiżi tal-paragrafu 8 mill-1 ta' Jannar 1996, fil-programm li jirreferi għalih it-tielet inċiż mill-1 ta' Jannar 2000, fil-programm li jirreferi għalih ir-raba' inċiż mill-1 ta' Jannar 2001, fil-programmi li jirreferu għalihom il-ħames u s-sitt inċiż mill-1 ta' Jannar 2002 u fil-programmi li jirreferu għalihom is-seba' u t-tmien inċiż mill-1 ta' Jannar 2004 u fil-programmi li jirreferu għalihom id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il inċiż mill-1 ta' Jannar 2007."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-paragrafu 8:

"— **32007 D 0779**: Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU 173, 3.7.2007, p. 19)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

([1]) ĠU L 304, 22.11.2007, p. 47.
([2]) ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19.
(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON